# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 11 ta' Jannar 2022**

Appell numru 166/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christian ABELA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-31 ta' Mejju 2021 fil-konfront ta' Christian ABELA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 186986M) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn Marzu 2020 u Mejju 2020 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Marisabel Borg s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant ABELA ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **xaharejn priġunerija**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant ABELA appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew alternattivament tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena iżjed ekwa u ġusta u dan wara li ppremetta li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-aqwa prova biex tipprova l-każ tagħha stante li d-digriet eżebit ma kienx jikkostitwixxi kopja legali iżda sempliċiment fotokopja ta’ dak li kien jidher li kien digriet. Inoltre tenna li l-piena kienet alkwantu eċċessiva.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. Illi a fol 3 jirriżulta li l-prosekuzzjoni eżebiet dokument markat AMG1 li jidher li għandu t-timbru intitolat “Registry Family Section” datat 2 t’Ottubru 2017 u b’numru 35 indikat bil-linka blu. Din il-Qorti, mill-esperjenza tagħha tistqarr li dan id-dokument jixbaħ bil-bosta dawk id-dokumenti li jkunu maħruġa mir-Reġistru tal-Qorti tal-Familja. Iżda mill-banda l-oħra ma tistax ma tinnotax li dan id-dokument ma jirriżultax li huwa ffirmat mir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Familja, u b’hekk mhux awtentikat b’mod li jikkostitwixxi kopja legali tal-istess digriet.

5. Illi f’dan is-sens allura l-appellant jirriżulta li għandu teknikament raġun in kwantu l-prosekuzzjoni kellha tippreżenta kopja awtentika tad-digriet de quo. Kif mistqarr minn diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati, bħal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta’ Settembru 1999, fejn ġie ritenut hekk:

Ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (**billi ggib kopja legali tad-digriet**, bhalma sar f'dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta, imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.

6. Biss mill-banda l-oħra din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex għad-disposizzjoni tagħha biss dik il-fotokopja li kienet tgħid li hija kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja relattiv; iżda kellha wkoll għad-disposizzjoni tagħha :
   (a) id-deposizzjoni tal-parte civile dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment għall-perjodu in kwistjoni naxxenti minn dak id-digriet li saret riferenza għalih a fol 8;
   (b) kif ukoll kellha l-affidavit ta' PS1284 Caruana a fol 10 mnejn jirriżulta mhux biss meta l-parte civile marret tagħmel il-kwerela tagħha mal-Pulizija fl-Għassa ta' Ħal-Qormi, iżda wkoll illi fl-10 ta' Ġunju 2020 l-appellant kien mar fl-imsemmija Għassa flimkien mal-Avukat tiegħu fejn wara li ġie infurmat bil-kwerela magħmula mill-parte civile – iġifieri li huwa naqas li jħallas il-manteniment dovut għall-perjodu <u>**Frar sa Mejju 2020**</u> f'total ta' sitt mitt euro l-appellant iddikjara li huwa kien warrab il-flus kif ukoll li kien lest li jtiha l-flus iżda li huwa ma kienx lest li jiġi mċaħħad mit-tifla kif ukoll li ma kienx ried jitla' ħdejn il-parte civile biex ma jinqalax inkwiet. Sostna wkoll li d-digriet li kellhom kien skadut peress li kellhom digriet waqt il-medjazzjoni u qatt ma kien ġie segwit b'kawża – iżda li hu dejjem baqa' jagħtiha l-manteniment dment li ttih aċċess għal bintu.

7. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) verament ma kellhiex kopja awtentika tad-digriet relattiv, iżda kellha d-dikjarazzjoni rilaxxjata mill-appellant fil-preżenza tal-legali tiegħu quddiem il-Pulizija li xehed bl-affidavit fejn huwa mhux biss ma nnegax li kien obbligat li jħallas il-manteniment fl-ammont kwerelat lilu għall-perjodu in kwistjoni iżda talli huwa tenna li kien warrab dawn il-flus, kien lest li jagħti dawk il-flus lil parte civile għalkemm jidher li ma għamilx dan għax ma kienx qed jingħata aċċess għal-bintu nonche għal-fatt li qal li ma riedx jersaq lejn il-parte civile biex ma jinqalax inkwiet kif ukoll li huwa kien baqa' jtiha l-flus minkejja li d-digriet qe quo qal li skada. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha għad-disposizzjoni

tagħha stqarrija rilaxxjata mill-imputat suspettat fil-preżenza tal-avukat tiegħu li huwa verament kien debitur tal-parte civile fl-ammont ta' manteniment pretiż minnha għall-perjodu in kwistjoni.

8. Iżjed minn hekk irriżulta "palam" lil din il-Qorti li l-imputat appellant kien ben konxju tal-obbligu tal-ħlas tal-manteniment dovut minnu għall-perjodu in kwistjoni in kwantu quddiem din il-Qorti telgħet tixhed bil-ġurament tagħha l-parte civile li stqarret li hija kienet tħalset l-ammonti kollha dovuti lilha b'titolu ta' manteniment għall-perjodu indikat fil-komparixxi f'dan il-każ.

9. In definittiva għalhekk għalkemm fuq il-punt legali sollevat fl-ewwel aggravju l-appellant għandu raġun fis-sens li l-kopja tad-digriet de quo preżentata ma kienetx teknikament awtentika, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha provi sodi biżżejjed li fuqhom setgħet issib lill-appellant ħati.

10. Minbarra dan il-ġurisprudenza patrija tgħallem li :

> Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Mallia deciz fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk: "Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta limputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul millistess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) lordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghallfinijiet u effetti kolla ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Lawrence Cilia, App. Krim. 10/3/95, u Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97)." U fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Raymond Cutajar, deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk1 : "Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) talArtikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem ilPrim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim 'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak iddigriet jew dak l-ordni kien null.[1]

[1] **Il-Pulizija vs. Evan Mamo** deċiża fis-27 t'April 2005

11. Minbarra dan l-anqas jista' l-appellant jagħżel li ma jħallasx il-manteniment sempliċiment għaliex il-parte civile ma kienetx qegħda tosserva d-dmirijiet tagħha li ttih l-aċċess għall-minuri. Ir-rimedju tiegħu f'dak il-każ kien li jkompli josserva skrupolożament id-digriet li kien marbut bih iżda fil-komtemp jazzjona ġudizjalment lill-parte civile biex taderixxi mad-dmirijiet tagħha.

12. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

13. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

14. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

15. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

16. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

17. Illi dan ir-reat jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

a) Id-detenzjoni,
b) L-ammenda,
c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

18. Iżda ġaladarba l-Qorti kkunsidrat li f'dan il-każ id-diversi infrazzjonijiet ġew marbuta ma xulxin bil-kwalifika tar-reat kontinwat u b'hekk dik il-Qorti setgħet tawmenta l-piena bi grad jew tnejn, jirriżulta li l-piena imposta minn dik il-Qorti kienet fil-parametri u ma kienetx eċċessiva. Biss jirriżulta li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnu f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f'moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tentennamenti fit-twettieq tal-ordnijiet tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Christian ABELA in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-

sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal xahrejn priġunerija u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk ser huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**